MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 113/2007

**Maltacom plc**
**C 22334**

**Vs**

**Mark Parretti**
**(ID 260876 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta` Frar, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` mitejn lira Maltin (Lm200), rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` servizz telefoniku li jgib in-numru 21420203 (AC 40008191 – file ac/40008191), liema servizz gie installat fil-fond li kien igib l-isem “Candy Corner”, f`Bergamot Street, Mosta skond diversi kontijiet mibghuta lilhom, u kif ukoll jirrizulta mid-dokumenti annessi ma` l-avviz Dok. IZY 1, IZY 2 u IZY 3.

Ghalkemm il-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas, dan baqa` inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-6 ta` Lulju, 2007 meta gie pprezentat il-kapitolu ghas-subizzjoni taghha u l-anqas ghas-seduta ta` llum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz in-nuqqas ta` kontestazzjoni da parti tal-konvenut fil-konfront tat-talba attrici kif dedotti f'dan l-avviz.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' mitejn lira Maltin (Lm200), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------